



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 23.10.2019  
COM(2019) 495 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-  
KUNSILL**

**dwar it-tielet rieżami annwali tal-funzjonament tal-Ħarsien tal-Privatezza UE-U.S.**

{SWD(2019) 390 final}

## 1. IT-TIELET RIEŻAMI ANNWALI – L-ISFOND, IT-THEJJIJA U L-PROĊESS

Fit-12 ta' Lulju 2016, il-Kummissjoni adottat Deċiżjoni (id-“deċiżjoni ta' adegwatezza”) li fiha sabet li l-Ħarsien tal-Privatezza UE-U.S. tiżgura livell adegwat ta' protezzjoni għal *data* personali li tkun ġiet trasferita mill-UE għal organizzazzjonijiet stabbiliti fl-Istati Uniti tal-Amerka<sup>1</sup>. Id-Deċiżjoni ta' adegwatezza b' mod partikolari teħtieġ li l-Kummissjoni twettaq rieżami annwali biex tevalwa l-aspetti kollha tal-funzjonament tal-qafas, u fuq din il-bażi tħejji rapport pubbliku li għandu jiġi ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

L-ewwel rieżami annwali sar f' Settembru 2017 f' Washington, D.C., u f' Ottubru 2017 il-Kummissjoni adottat ir-rapport tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill,<sup>2</sup> akkumpanjat minn Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni (SWD(2017)344 final)<sup>3</sup>. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Istati Uniti kompliet tipprovdi livell adegwat ta' protezzjoni għad-*data* trasferita mill-UE lejn l-Istati Uniti skont il-Ħarsien tal-Privatezza, iżda għamlet għaxar rakkomandazzjonijiet biex ittejjeb il-funzjonament prattiku tal-qafas.

It-tieni rieżami annwali sar f' Ottubru 2018 fi Brussell, u l-Kummissjoni adottat ir-rapport tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill f' Diċembru 2018,<sup>4</sup> għal darb'oħra akkumpanjat minn Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni (SWD (2018) 487 final)<sup>5</sup>. L-informazzjoni miġbura fil-kuntest tat-tieni rieżami annwali kkonfermat il-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni fid-deċiżjoni ta' adegwatezza, kemm fir-rigward tal-“aspetti kummerċjali” tal-qafas (jiġifieri aspetti relatati mal-konformità tal-kumpaniji ċertifikati mar-rekwiżiti tal-Ħarsien tal-Privatezza u wkoll mal-amministrazzjoni, mas-sorveljanza u mal-infurzar ta' tali rekwiżiti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Uniti) kif ukoll fir-rigward ta' aspetti li jikkonċernaw l-aċċess ta' awtorità pubblika għal *data* personali trasferita taħt il-Ħarsien tal-Privatezza.

B' mod partikolari, il-passi meħuda biex jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni wara l-ewwel rieżami annwali kienu tejbju ħafna aspetti tal-funzjonament tal-qafas fil-prattika. Pereżempju, id-Dipartiment tal-Kummerċ kien introduċa mekkaniżmi ġodda biex jiġu identifikati kwistjonijiet potenzjali ta' konformità, il-Kummissjoni Federali tal-Kummerċ kienet adottat approċċ aktar proattiv għall-monitoraġġ tal-konformità u l-infurzar, u r-rapport tal-Bord ta' Sorveljanza, tal-Privatezza u l-Libertajiet Ċivili fir-rigward tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Politika

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1250 tat-12 ta' Lulju 2016 skont id-Direttiva Nru 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-adeqwatezza tal-protezzjoni pprovduta mill-Ħarsien tal-Privatezza UE-U.S., ĠU L 207, 1.8.2016, p. 1

<sup>2</sup> Ir-Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-ewwel rieżami annwali tal-funzjonament tal-Ħarsien tal-Privatezza UE-U.S. (COM(2017)611 final), ara [http://ec.europa.eu/newsroom/just/item-detail.cfm?item\\_id=605619](http://ec.europa.eu/newsroom/just/item-detail.cfm?item_id=605619)

<sup>3</sup> Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li Jakkumpanja r-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-ewwel rieżami annwali tal-funzjonament tal-Ħarsien tal-Privatezza UE-U.S. (SWD(2017)344 final), ara [http://ec.europa.eu/newsroom/just/item-detail.cfm?item\\_id=605619](http://ec.europa.eu/newsroom/just/item-detail.cfm?item_id=605619)

<sup>4</sup> Ir-Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-tieni rieżami annwali tal-funzjonament tal-Ħarsien tal-Privatezza UE-U.S. (COM (2018) 860 final), ara [https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/report\\_on\\_the\\_second\\_annual\\_review\\_of\\_the\\_eu-us\\_privacy\\_shield\\_2018.pdf](https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/report_on_the_second_annual_review_of_the_eu-us_privacy_shield_2018.pdf).

<sup>5</sup> Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li Jakkumpanja r-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-tieni rieżami annwali tal-funzjonament tal-Ħarsien tal-Privatezza UE-U.S. (SWD(2018)497 final), ara [https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/staff\\_working\\_document\\_-\\_second\\_annual\\_review.pdf](https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/staff_working_document_-_second_annual_review.pdf).

Presidenzjali 28<sup>6</sup> ġie rilaxxat pubblikament. Madankollu, peress li wħud minn dawn il-passi kienu ttieħdu eżatt qabel it-tieni rieżami annwali u ċerti proċessi kienu għadhom għaddejjin, il-Kummissjoni kkonkludiet li żviluppi ulterjuri li jikkonċernaw dawn il-proċessi u l-mekkaniżmi kienu jeħtieġu monitoraġġ mill-qrib.

Barra minn hekk, filwaqt li l-funzjoni tal-Ombudsperson skont il-Ħarsien tal-Privatezza twettqet mill-Aġent Sotto-Segretarju tal-Istat u l-mekkaniżmu tal-Ombudsperson għalhekk kien qed jiffunzjona b'mod sħiħ, il-Kummissjoni enfasizzat l-importanza li l-pożizzjoni ta' Ombudsperson tal-Ħarsien tal-Privatezza timtela fuq bażi permanenti u, b'mod partikolari, talbet lill-gvern tal-Istati Uniti jidentifika persuna nominata għal din il-pożizzjoni qabel it-28 ta' Frar 2019.

Il-laqgħa tat-tielet rieżami annwali saret f'Washington, DC fit-12 u t-13 ta' Settembru 2019. Ir-rieżami nfetaħ mid-Direttur Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi Tiina Astola, is-Segretarju tal-Kummerċ għall-Istati Uniti Wilbur Ross, il-President tal-Kummissjoni Federali tal-Kummerċ Joseph Simons u l-President tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* Ventsislav Karadjov. Għall-UE, il-laqgħa tmexxiet minn rappreżentanti tad-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi. F'din il-laqgħa pparteċipaw ukoll tmien rappreżentanti maħtura mill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*<sup>7</sup>.

Min-naħa tal-Istati Uniti, ir-rappreżentanti mid-Dipartiment tal-Kummerċ, id-Dipartiment tal-Istat, il-Kummissjoni Federali tal-Kummerċ, id-Dipartiment tad-Trasport, l-Uffiċċju tad-Direttur tal-Intelligence Nazzjonali, id-Dipartiment tal-Ġustizzja u membri tal-Bord ta' Sorveljanza tal-Privatezza u l-Libertajiet Ċivili pparteċipaw fir-rieżami, kif ukoll l-Ombudsperson li għadu kif inħatar (fuq bażi permanenti, ara hawn taħt) u l-Ispettur Ġenerali tal-Komunità tal-Intelligence. Barra minn hekk, rappreżentanti minn żewġ organizzazzjonijiet li joffru servizzi indipendenti ta' soluzzjoni għat-tilwim taħt il-Ħarsien tal-Privatezza u l-American Arbitration Association li tamministra t-tribunal tal-arbitraġġ tal-Ħarsien tal-Privatezza, taw informazzjoni matul is-sessjonijiet rilevanti tar-rieżami. Fl-aħħar nett, il-preżentazzjonijiet minn organizzazzjonijiet ċertifikati mill-Ħarsien tal-Privatezza dwar il-passi li l-kumpaniji jieħdu biex jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-qafas, ipprovdew aktar informazzjoni għar-rieżami annwali.

Bi tħejjija għat-tielet rieżami annwali, il-Kummissjoni ġabret l-informazzjoni mill-partijiet ikkonċernati rilevanti (b'mod partikolari l-kumpaniji ċċertifikati bil-Ħarsien tal-Privatezza, permezz tal-korpi kummerċjali tagħhom, u l-organizzazzjonijiet nongovernattivi (NGOs) li huma attivi fil-qasam tad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari d-drittijiet diġitali u l-privatezza). Minbarra l-ġbir ta' input bil-miktub, il-Kummissjoni kellha laqgħat ma' assoċjazzjonijiet tal-industrija u tan-negożju fid-9 ta' Settembru 2019, u ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi fil-11 ta' Settembru 2019.

Il-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni kienu jinkludu wkoll materjal disponibbli pubblikament, bħal deċiżjonijiet tal-qorti, regoli ta' implimentazzjoni u proċeduri tal-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Uniti, rapporti u studji minn organizzazzjonijiet nongovernattivi, rapporti ta' trasparenza maħruġa mill-kumpaniji ċċertifikati bil-Ħarsien tal-Privatezza, rapporti annwali minn mekkaniżmi ta' rikors indipendenti, kif ukoll rapporti tal-midja.

---

<sup>6</sup>Id-Direttiva dwar il-Politika Presidenzjali 28: l-Attivitajiet fl-ambitu tal-Intelligence ta' Sinjali, is-17 ta' Jannar 2014, li tipprovdri limitazzjonijiet u salvagwardji importanti għal persuni li mhumiex ċittadini tal-Istati Uniti fil-qasam tal-ġbir ta' signals intelligence.

<sup>7</sup>Il-korp indipendenti li jlaqqa' flimkien ir-rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-*data* tal-Istati Membri tal-UE u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*.

Dan ir-rapport jikkonkludi t-tielet rieżami annwali tal-funzjonament tal-Ħarsien tal-Privatezza. Ir-rapport, kif ukoll id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal (SWD(2019)390 final) li jakkumpanjah, isegwu l-istess struttura bħad-dokumenti dwar iż-żewġ rieżamijiet ta' qabel. Dan ikopri l-aspetti kollha tal-funzjonament tal-Ħarsien tal-Privatezza, b'attenzjoni partikolari fuq daww l-elementi li l-Kummissjoni kienet identifikat matul it-tieni rieżami annwali bħala li jeħtieġu monitoraġġ mill-qrib.

Fit-twettiq tal-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni qieset ukoll żviluppi ulterjuri li seħħew matul l-aħħar sena, inkluża l-litigazzjoni pendenti relatata mal-Ħarsien tal-Privatezza quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea<sup>8</sup>. F'dan ir-rigward, ir-rieżami pprova opportunità għall-Kummissjoni biex tikseb kjarifiki mingħand l-awtoritajiet tal-Istati Uniti dwar ċerti aspetti speċifiċi tal-qafas legali tal-Istati Uniti li jirregolaw il-ġbir ta' informazzjoni dwar intelligence esterna, li tqajmu fil-kuntest tal-hekk imsejjaħ kawża *Schrems II*. Madankollu, ladarba l-Qorti tiddeċiedi dwar il-kawżi pendenti, il-Kummissjoni għandu mnejn ikollha tevalwa mill-ġdid is-sitwazzjoni.

## 2. KONSTATAZZJONIJIET

Fit-tielet sena ta' operazzjoni tagħha, il-Ħarsien tal-Privatezza, li fiż-żmien tal-laqgħa ta' rieżami annwali kellha aktar minn 5,000 kumpanija parteċipanti, għaddiet mill-fażi tal-bidu għal fażi aktar operazzjonali. Filwaqt li tkopri kemm l-aspetti kummerċjali kif ukoll kwistjonijiet relatati mal-aċċess tal-gvern għad-*data* personali, it-tielet rieżami annwali ffoka fuq l-esperjenza u t-tagħlimiet miksuba mill-applikazzjoni Prattika tal-qafas.

Il-konstatazzjonijiet dettaljati rigward il-funzjonament tal-qafas tal-Ħarsien tal-Privatezza wara t-tielet sena ta' operat tiegħu qed jiġu ppreżentati fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar it-tielet rieżami annwali tal-funzjonament tal-Ħarsien tal-Privatezza UE-U.S. (SWD(2019)390 final) li jakkumpanja dan ir-rapport.

### 2.1. Aspetti Kummerċjali

Fid-dawl tal-konstatazzjonijiet tar-rieżami annwali tas-sena l-oħra, il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-aspetti kummerċjali ffukaw b'mod partikolari fuq il-progress li sar mid-Dipartiment tal-Kummerċ dwar (i) il-proċess ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid, (ii) l-effikaċja tal-mekkaniżmi introdotti mid-Dipartiment tal-Kummerċ biex b'mod proattiv jimmonitorja l-konformità mill-kumpaniji ċertifikati (l-hekk imsejja "kontrolli fuq il-post"), (iii) l-għodod introdotti biex jiġu identifikati pretensjonijiet foloz, (iv) il-progress u l-eżitu tal-azzjonijiet ta' infurzar tal-Kummissjoni Federali tal-Kummerċ fir-rigward tal-ksur tal-Ħarsien tal-Privatezza, u (v) l-iżviluppi li jikkonċernaw il-gwida fir-rigward tad-*data* dwar ir-riżorsi umani.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-*proċess ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid*, fit-tielet rieżami annwali ħareġ li bħala Prattika regolari, mal-iskadenza tal-perjodu ta' ċertifikazzjoni (mill-ġdid), jekk kumpanija tkun għadha ma lestietx il-proċess ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid, id-Dipartiment tal-Kummerċ, wara proċedura interna, jagħti lil kumpanija "perjodu ta' konċessjoni" ta' tul sinifikanti. Matul dan il-perjodu (ta' madwar 3,5 xhur, jew, f'xi każijiet u skont meta d-Dipartiment tal-Kummerċ isib li l-proċess ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid ma tlestiex, anki perjodu itwal ta' żmien), il-kumpanija tibqa' fuq il-lista "attiva" tal-Ħarsien tal-Privatezza. Sakemm kumpanija tkun elenkata bħala li tipparteċipa fil-

---

<sup>8</sup> Ara l-kawża T-738/16 *La Quadrature du Net vs il-Kummissjoni*. Tqajmu wkoll mistoqsijiet dwar il-Ħarsien tal-Privatezza fil-kuntest tal-kawża C-311/18 *il-Kummissarju għall-Protezzjoni tad-Data u Facebook Ireland, Maximilian Schrems ("Schrems II")*, li fih saret seduta ta' smiġh quddiem l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja fid-9 ta' Lulju 2019.

Ħarsien tal-Privatezza, l-obbligi taħt il-qafas jibqgħu vinkolanti u infurzabbli għal kollox. Madankollu perjodu twil bħal dan, li matulu d-data dovuta taċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid ta' kumpanija tkun skadiet filwaqt li l-kumpanija tkompli tiġi elenkata bħala parteċipant attiv tal-Ħarsien tal-Privatezza, jnaqqas it-trasparenza u l-leġibbiltà tal-lista tal-Ħarsien tal-Privatezza kemm għan-negozji kif ukoll għall-individwi fl-UE. Barra minn hekk, dan ma jinċentivax lill-kumpaniji parteċipanti biex jikkonformaw b'mod rigoruż mar-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid annwali.

Rigward il-*kontrolli proattivi* ta' konformità *tal-kumpaniji* mar-rekwiżiti tal-Ħarsien tal-Privatezza, id-Dipartiment tal-Kummerċ f'April 2019 introduċa sistema li fiha jivverifika 30 kumpanija kull xahar. Il-Kummissjoni tilqa' l-fatt li d-Dipartiment tal-Kummerċ qed iwettaq kontrolli fuq il-post ta' konformità b'mod proattiv fuq bażi regolari u b'mod sistematiku, li huwa importanti ħafna biex titjieb il-konformità ġenerali mal-qafas u biex jiġu identifikati każijiet li jeħtieġu azzjoni ta' infurzar mill-Kummissjoni Federali tal-Kummerċ. Madankollu, hija tinnota li dawn il-kontrolli fuq il-post għandhom it-tendenza li jkunu limitati għal rekwiżiti formali bħan-nuqqas ta' rispons minn punti ta' kuntatt magħżula jew in-nuqqas ta' aċċessibbiltà tal-politika ta' privatezza ta' kumpanija online. Filwaqt li dawn huma ċertament aspetti rilevanti ta' konformità mar-rekwiżiti tal-Ħarsien tal-Privatezza, tali kontrolli jenħtieġ li jkopru wkoll obbligi sostantivi, bħal pereżempju l-konformità mal-Prinċipju ta' Responsabbiltà għal Trasferimenti Onward li jagħmlu użu sħiħ mill-istrumenti li d-Dipartiment tal-Kummerċ jista' jiddependi fuqhom taħt il-qafas. Ir-rekwiżiti għal trasferimenti ulterjuri ġew imsaħħa b'mod sinifikanti fil-Ħarsien tal-Privatezza, minħabba li nuqqas ta' salvagwardji f'sitwazzjonijiet bħal dawn idgħajjef il-protezzjonijiet iggarantiti mill-qafas. Billi l-kontrolli fuq il-post jenħtieġ li jkomplu jsiru b'mod regolari u b'mod sistematiku, il-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti aktar sostantivi hija wkoll kruċjali għall-kontinwità tal-Ħarsien tal-Privatezza u jenħtieġ li tkun soġġetta għal monitoraġġ u infurzar stretti mill-awtoritajiet tal-Istati Uniti.

Fir-rigward tat-*tiftix* tad-Dipartiment tal-Kummerċ *għal pretensjonijiet foloz* ta' parteċipazzjoni fil-Ħarsien tal-Privatezza, il-Kummissjoni nnotat li d-Dipartiment tal-Kummerċ kien kompla jwettaq tiftix fuq bażi ta' kull tliet xhur, li wassal għad-detezzjoni ta' għadd sinifikanti ta' każijiet ta' talbiet foloz, li f'xi każijiet kienu wkoll riferuti lill-Kummissjoni Federali tal-Kummerċ. Madankollu, s'issa dawn it-tiftixijiet kienu mmirati biss lejn kumpaniji li diġà b'xi mod jew ieħor kienu diġà ċċertifikati jew kienu applikaw għaċ-ċertifikazzjoni skont il-Ħarsien tal-Privatezza (iżda, pereżempju, ma kinux iċċertifikati mill-ġdid). Huwa importanti li dawn ikunu mmirati wkoll lejn kumpaniji li qatt ma applikaw għaċ-ċertifikazzjoni skont il-Ħarsien tal-Privatezza. Minn kull tip ta' asserzjoni falza, it-talbiet foloz minn kumpaniji li qatt ma applikaw għaċ-ċertifikazzjoni huma potenzjalment l-aktar perikolużi. Dan huwa minnu mill-perspettiva tal-privatezza tal-individwi, peress li l-kumpaniji li qatt ma applikaw għaċ-ċertifikazzjoni ma implimentaw l-ebda protezzjoni garantita mill-Ħarsien tal-Privatezza fil-prattiki tan-negozju tagħhom. Huwa minnu wkoll mill-perspettiva ta' negozju, peress li l-kundizzjonijiet ekwi bejn il-kumpaniji jiddgħajfu jekk l-organizzazzjonijiet, li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti tal-qafas, jistgħu jitolbu l-benefiċċji taċ-ċertifikazzjoni.

Il-Kummissjoni nnotat b'mod pożittiv li għadd dejjem akbar ta' suġġetti tad-*data* tal-UE qed jagħmlu użu mid-drittijiet tagħhom taħt il-Ħarsien tal-Privatezza u li l-mekkaniżmi ta' rimedju rilevanti jiffunzjonaw tajjeb. L-għadd ta' lmenti mressqa lil mekkaniżmi ta' rikors indipendenti żdied u ġie solvut għas-sodisfazzjon tal-individwi tal-UE kkonċernati. Barra minn hekk, talbiet minn individwi tal-UE kienu ttrattati b'mod xieraq minn kumpaniji parteċipanti.

Rigward l-*infurzar*, il-Kummissjoni nnutat li mis-sena li għaddiet, il-Kummissjoni Federali tal-Kummerċ ikkonkludiet seba' azzjonijiet ta' infurzar relatati mal-ksur tal-Ħarsien tal-Privatezza, inkluż bħala riżultat tal-indaġnijiet *ex officio* mħabbra. Is-seba' każijiet kollha kienu jikkonċernaw

dikjarazzjonijiet foloz ta' parteċipazzjoni fil-qafas. Tnejn minn dawn il-każijiet kienu wkoll dwar il-ksur ta' aktar rekwiżiti sostantivi tal-Ħarsien tal-Privatezza, bħan-nuqqas ta' verifika permezz ta' awtovalutazzjoni jew permezz ta' rieżami estern tal-konformità li d-dikjarazzjonijiet li l-kumpanija tagħmel dwar il-prattiki tal-Ħarsien tal-Privatezza huma veri u li daww il-prattiki ġew implimentati. Il-Kummissjoni tilqa' l-azzjoni ta' infurzar meħuda mill-Kummissjoni Federali tal-Kummerċ fit-tielet sena tal-operat tal-Ħarsien tal-Privatezza. Fl-istess ħin, fid-dawl tat-tħabbira tas-sena li għaddiet u l-assigurazzjonijiet mogħtija matul it-tieni rieżami annwali tal-aġenzija, il-Kummissjoni kienet tistenna approċċ aktar vigoruż fir-rigward ta' azzjoni ta' infurzar dwar ksur sostantiv tal-Prinċipji tal-Ħarsien tal-Privatezza.

F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ħadet nota tal-ispjegazzjoni mogħtija fit-tielet rieżami annwali li għadd ta' investigazzjonijiet li għaddejjin qed jieħdu aktar żmien, peress li l-Kummissjoni Federali tal-Kummerċ qed tħares lejn il-firxa sħiħa ta' ksur possibbli. Madankollu, l-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni Federali tal-Kummerċ kienet limitata wisq biex jiġi evalwat kif xieraq il-progress fl-infurzar. Filwaqt li tali informazzjoni tista' tiġi ristretta għal kunsiderazzjonijiet leġittimi ta' kunfidenzjalità, ma jidhirx ġustifikabbli li l-Kummissjoni Federali tal-Kummerċ ma tistax taqsam, lanqas b'mod aggregat u anonimu, iktar elementi fir-rigward tal-indaġnijiet *ex officio* li qed jittwettqu. Dan l-approċċ mhuwiex konformi mal-ispirtu ta' kooperazzjoni fost l-awtoritajiet li fuqhom hija bbażata l-Ħarsien tal-Privatezza, u l-Kummissjoni Federali tal-Kummerċ jenħtieġ li ssib modi biex tikkondividi informazzjoni sinifikanti dwar l-attività ta' infurzar tagħha, mal-Kummissjoni u mal-Awtoritajiet tal-UE għall-Protezzjoni tad-Data li huma responsabbli b'mod konġunt għall-infurzar tal-qafas.

Il-kwistjoni dwar kif id-data *dwar ir-riżorsi umani* hija ttrattata taħt il-Ħarsien tal-Privatezza reġgħet ġiet diskussa matul ir-rieżami. Kif ikkonfermat mill-partijiet ikkonċernati, l-iżvilupp ta' gwida konġunta bejn id-Dipartiment tal-Kummerċ, il-Kummissjoni Federali tal-Kummerċ u l-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Data tal-UE jkun ta' valur miżjud reali. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnotta li reċentement saru kuntatti li wasslu għal xi progress fil-fehim tal-kwistjonijiet, iżda mingħajr ma rriżultaw f'eżitu konkret.

## 2.2. *Access u użu ta' data personali mill-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Uniti*

Fir-rigward ta' aspetti relatati mal-aċċess u l-użu ta' data personali mill-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Uniti, l-għan tat-tielet rieżami annwali kien, l-ewwel u qabel kollox, li jikkonferma li l-limitazzjonijiet u s-salvagwardji kollha li fuqhom hija bbażata d-deċiżjoni ta' adegwatezza, jibqgħu fis-seħħ. Barra minn hekk, it-tielet rieżami annwali pprovdha opportunità biex tingħata ħarsa lejn żviluppi ġodda u biex jiġu ċċarati aktar ċerti aspetti tal-qafas legali, kif ukoll il-mekkaniżmi ta' sorveljanza differenti u l-possibbiltajiet għal rimedju, b'mod partikolari fir-rigward tat-trattament u r-riżoluzzjoni ta' lmenti mill-Ombudsperson.

Filwaqt li ma kienx hemm żviluppi legali ġodda dwar il-*għbir ta' informazzjoni dwar l-intelligence esterna* skont l-Artikolu 702 tal-Liġi ta' Sorveljanza tal-Intelligence Esterna, il-Kummissjoni laqgħet il-kjarifiki li rċevew l-awtoritajiet tal-Istati Uniti dwar il-mod immirat kif isir il-*għbir ta' informazzjoni ta' intelligence* taħt il-programmi ta' intelligence imwettqa skont l-Artikolu 702 tal-Liġi ta' Sorveljanza tal-Intelligence Esterna (jiġifieri Prism u Upstream). Dawn il-kjarifiki kkonfermaw il-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni fid-deċiżjoni ta' adegwatezza li l-*għbir ta' informazzjoni ta' intelligence esterna* skont l-Artikolu 702 tal-Liġi ta' Sorveljanza tal-Intelligence Esterna huwa dejjem fil-mira permezz tal-użu ta'

seletturi, u li l-għażla ta' seletturi hija rregolata mil-liġi, soġġetta għal sorveljanza ġudizzjarja u leġiżlattiva indipendenti.

Il-Kummissjoni nnutat ukoll li l-mandat ta' xi wħud mill-awtoritajiet li jiksbu informazzjoni dwar l-intelligence esterna skont l-Artikolu 501 tal-Liġi ta' Sorveljanza tal-Intelligence Esterna, kif modifikata mill-USA FREEDOM Act tal-2015, huwa ppjanat li jiskadi fil-15 ta' Diċembru 2019. Peress li l-ġbir skont l-Artikolu 501 tal-Liġi ta' Sorveljanza tal-Intelligence Esterna huwa rilevanti fil-kuntest tal-Ħarsien tal-Privatezza u għalhekk ġie vvalutat fid-deċiżjoni ta' adegwatezza tal-Kummissjoni, huwa importanti li f'każ ta' awtorizzazzjoni mill-ġdid, il-limitazzjonijiet u s-salvagwardji eżistenti, bħall-projbizzjoni tal-ġbir tal-massa, jibqgħu fis-seħħ.

Rigward id-*Direttiva dwar il-Politika Presidenzjali 28*, l-awtoritajiet tal-Istati Uniti espliċitament ikkonfermaw li din tibqa' b'mod u b'effett sħiħ u li ma ġiet soġġetta għall-ebda emenda. Ma kien hemm l-ebda modifika fil-proċeduri li jimplementaw id-*Direttiva* dwar il-Politika Presidenzjali 28 fi ħdan l-aġenziji differenti tal-Komunità tal-Intelligence. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ħadet nota tal-ispejgazzjonijiet ipprovduti mill-awtoritajiet tal-Istati Uniti, li jiċċaraw li d-dispożizzjonijiet dwar il-ġbir bil-kwantità fid-*Direttiva* dwar il-Politika Presidenzjali 28, inklużi dawk dwar l-akkwist temporanju, ma japplikawx għall-ġbir ta' informazzjoni dwar intelligence esterna fl-Istati Uniti (pereżempju, għall-ġbir ta' informazzjoni minn kumpanija ċertifikata li tipproċessa *data* trasferita mill-UE taħt il-Ħarsien tal-Privatezza), bħall-ġbir imwettaq skont l-Artikolu 702 tal-Liġi ta' Sorveljanza tal-Intelligence Esterna taħt il-Programm Prism jew Upstream, peress li dan il-ġbir huwa dejjem fil-mira.

Rigward il-*Bord ta' Sorveljanza tal-Privatezza u l-Libertajiet Ċivili*, korp ta' sorveljanza importanti fil-qasam tas-sorveljanza mill-gvern, il-Kummissjoni laqgħet il-fatt li bil-konfermi reċenti ta' żewġ membri addizzjonali tal-Bord mis-Senat tal-Istati Uniti, il-Bord ta' Sorveljanza tal-Privatezza u l-Libertajiet Ċivili, għall-ewwel darba mill-2016, huwa kompost mill-ħames membri kollha tiegħu. Il-Kummissjoni nnutat ukoll li l-persunal tal-Bord irdoppja mill-aħħar rieżami annwali, u li adotta programm ta' ħidma ambizzjuż li jikkonsisti f'għaxar proġetti ta' sorveljanza li għadhom għaddejjin, li wħud minnhom huma ta' rilevanza partikolari għar-rieżami perjodiku tal-Kummissjoni tal-Ħarsien tal-Privatezza.

Rigward il-*mekkaniżmu tal-Ombudsperson* tal-Ħarsien tal-Privatezza, fit-18 ta' Jannar 2019 il-President tal-Istati Uniti ħabbar in-nomina ta' Keith Krach bħala s-Sotto-Segretarju tal-Istat li jservi wkoll bħala l-Ombudsperson. Fl-20 ta' Ġunju 2019, is-Sur Krach ġie kkonfermat mis-Senat. Il-Kummissjoni tilqa' l-ħatra tas-Sur Krach bħala Ombudsperson tal-Ħarsien tal-Privatezza, li tiżgura li l-pożizzjoni timtela fuq bażi permanenti.

Rigward l-ewwel ilment dwar il-*mekkaniżmu tal-Ombudsperson* li ġie ppreżentat permezz tal-Awtorità Kroata għall-Protezzjoni tad-*Data* eżatt qabel l-aħħar rieżami annwali, dan l-ilment eventwalment ġie ddikjarat inammissibbli, peress li kien relatat ma' fatti li tlestew qabel ma ġiet adottata d-deċiżjoni tal-Ħarsien tal-Privatezza. Madankollu, l-ilment offra opportunità biex jiġi ttestjat il-funzjonament tal-proċeduri rilevanti fil-prattika. Kemm ir-rappreżentanti tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* għar-rieżami annwali kif ukoll l-Ombudsperson ikkonfermaw li l-passi rilevanti kollha tal-proċedura kienu ġew attivati u kkompletati b'mod sodisfaċenti. Il-Kummissjoni tilqa' l-

iproċessar b'suċċess ta' din l-ewwel talba bħala indikazzjoni importanti li l-mekkaniżmu tal-Ombudsperson jista' jwettaq il-funzjonijiet tiegħu kif suppost.

L-awtoritajiet tal-Istati Uniti pprovdew ukoll aktar spjegazzjonijiet dwar kif se jaħdem l-Ombudsperson ma' korpi indipendenti oħra ta' sorveljanza u kif se jirrimedja l-ksur. Huma kkonfermaw b'mod partikolari li l-Ispettur Ġenerali indipendenti tal-Komunità tal-Intelligence se jiġi infurmat b'mod sistematiku dwar kull ilment ippreżentat lill-Ombudsperson, u se jwettaq il-valutazzjoni tiegħu stess. Barra minn hekk, huma spjegaw li jekk ilment quddiem l-Ombudsperson jiżvela ksur tal-proċeduri ta' mmirar skont l-Artikolu 702 tal-Liġi ta' Sorveljanza tal-Intelligence Esterna, tali ksur ikun irrapportat lill-Qorti ta' Sorveljanza tal-Intelligence Esterna, li twettaq rieżami indipendenti u, jekk ikun meħtieġ, tordna lill-aġenzija tal-intelligence rilevanti tiegħu azzjoni ta' rimedju. Dan ir-rimedju jista' jvarja minn miżuri individwali għal dawk strutturali, eż. mit-tħassir ta' *data* miksuba illegalment għal bidla fil-prattika ta' ġbir, inkluż f'termini ta' gwida u taħriġ tal-persunal.

Fl-aħħar nett, ġie kkonfermat li, jekk ksur tal-liġi tal-Istati Uniti (inkluż ksur ta' Ordnijiet Eżekuttivi, Politiki Presidenzjali u regoli u proċeduri tal-aġenzija, bħal pereżempju proċeduri ta' mmirar u minimizzazzjoni approvati mill-Qorti ta' Sorveljanza tal-Intelligence Esterna) jiġu identifikati matul ir-rieżami ta' lment lill-Ombudsperson, id-*data* miġbura illegalment titnaddaf mill-bażijiet tad-*data* kollha tal-gvern u kull referenza għal dik id-*data* titneħħa mir-rapporti ta' intelligence. Permezz ta' dan, individwu fl-UE jkun jista' jikseb it-tħassir tad-*data* personali tiegħu jekk tkun inġabret u ġiet iproċessata illegalment mill-Komunità tal-Intelligence tal-Istati Uniti.

Il-Kummissjoni tilqa' dawn l-ispejgazzjonijiet addizzjonali, li juru kif il-kooperazzjoni bejn il-korpi indipendenti ta' sorveljanza differenti ssaħħaħ l-effiċjenza tal-mekkaniżmu tal-Ombudsperson. Kien importanti wkoll li jiġi ċċarat li bl-użu tal-mekkaniżmu tal-Ombudsperson, individwi fl-UE jistgħu fil-fatt jeżerċitaw id-dritt tagħhom għat-tħassir, li huwa element fundamentali tad-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali.

### 3. KONKLUŻJONI

L-informazzjoni miġbura fil-kuntest tat-tielet rieżami annwali tikkonferma l-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni fid-deċizzjoni ta' adegwatezza, kemm fir-rigward tal-aspetti kummerċjali tal-qafas kif ukoll fir-rigward tal-aspetti relatati mal-aċċess għad-*data* personali trasferita taħt il-Ħarsien tal-Privatezza mill-awtoritajiet pubbliċi. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni nnotat għadd ta' titjib fil-funzjonament tal-qafas kif ukoll ħatriet għal korpi ta' sorveljanza ewlenin.

Madankollu, fid-dawl ta' xi kwistjonijiet li haġġu mill-esperjenza ta' kuljum jew li saru aktar rilevanti fil-kuntest tal-implimentazzjoni Prattika tal-qafas, il-Kummissjoni tikkonkludi li jeħtieġ li jittieħdu għadd ta' passi konkreti biex jiġi żgurat aħjar il-funzjonament effettiv tal-Ħarsien tal-Privatezza fil-prattika:

1. Jenħtieġ li d-Dipartiment tal-Kummerċ iqassar il-perjodi ta' żmien differenti li jingħataw lill-kumpaniji biex ilestu l-proċess ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid. Perjodu ta' massimu ta' 30 jum b'kollox jidher li huwa raġonevoli biex il-kumpaniji jkollhom biżżejjed żmien għaċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid, inkluż biex tiġi rettifikata kull kwistjoni identifikata fil-proċess ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid, filwaqt li fl-istess ħin tiġi żgurata l-effettività ta' dan il-proċess. Jekk fl-aħħar ta' dan il-perjodu ċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid ma titlestix, jenħtieġ li d-Dipartiment tal-Kummerċ jibgħat l-ittra ta' twissija mingħajr aktar dewmien.



2. Fil-kuntest tal-proċedura ta' kontroll tiegħu fuq il-post, id-Dipartiment tal-Kummerċ jenħtiegħ li jivvaluta l-konformità tal-kumpaniji mal-Prinċipju ta' Responsabbiltà għal Trasferimenti Ulterjuri, inkluż billi jagħmel użu mill-possibbiltà pprovduta mil-Ħarsien tal-Privatezza li titlob sommarju jew kopja rappreżentattiva tad-dispożizzjonijiet dwar il-privatezza ta' kuntratt konkluż minn kumpanija ċertifikata mill-Ħarsien tal-Privatezza għall-finijiet ta' trasferiment ulterjuri.
3. Bħala prijorità, id-Dipartiment tal-Kummerċ jenħtiegħ li jiżviluppa għodod għall-identifikazzjoni ta' dikjarazzjonijiet foloz ta' parteċipazzjoni fil-Ħarsien tal-Privatezza minn kumpaniji li qatt ma applikaw għaċ-ċertifikazzjoni, u li juża dawn l-għodod b'mod regolari u sistematiku.
4. Jenħtiegħ li l-Kummissjoni Federali tal-Kummerċ, bħala prijorità, issib modi biex taqsam informazzjoni sinifikanti dwar investigazzjonijiet li jkunu għaddejjin mal-Kummissjoni, kif ukoll mal-Awtoritajiet tal-UE għall-Protezzjoni tad-Data li għandhom ukoll responsabbiltajiet ta' infurzar skont il-Ħarsien tal-Privatezza.
5. L-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Data tal-UE, id-Dipartiment tal-Kummerċ u l-Kummissjoni Federali tal-Kummerċ jenħtiegħ li jiżviluppaw gwida komuni dwar id-definizzjoni u t-trattament tad-*data* tar-riżorsi umani fiż-żgħir li ġejjin.

Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja mill-qrib aktar żviluppi li jikkonċernaw elementi speċifiċi tal-qafas tal-Ħarsien tal-Privatezza, b'mod partikolari (i) il-funzjonament tal-mekkaniżmu tal-Ombudsperson, b'mod partikolari fil-każ ta' lment ġdid; (ii) l-eżitu tal-proġetti ta' sorveljanza li għaddejjin bħalissa li ġew inizjati mill-Bord tas-Sorveljanza tal-Privatezza u l-Libertajiet Ċivili u li huma partikolarment rilevanti għall-Ħarsien tal-Privatezza (pereżempju dwar it-tiftix ta' *data* miksuba skont l-Artikolu 702 tal-Liġi ta' Sorveljanza tal-Intelligence Esterna mill-Uffiċċju Federali tal-Investigazzjoni, l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Bord fir-rigward tad-Direttiva dwar il-Politika Presidenzjali 28, eċċ.); (iii) l-awtorizzazzjoni mill-ġdid tal-Artikolu 501 tal-Liġi ta' Sorveljanza tal-Intelligence Esterna, b'mod partikolari li s-salvagwardji eżistenti jibqgħu fis-seħħ; u (iv) il-ġurisprudenza tal-Istati Uniti li qed tevolvejja dwar ir-rimedju ġudizzjarju fil-qasam tas-sorveljanza min-naħa tal-gvern, b'mod partikolari fir-rigward tal-kwistjoni ta' locus standi quddiem il-qorti.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni se tkompli ssegwi mill-qrib id-dibattitu li għaddej bħalissa rigward il-leġiżlazzjoni federali dwar il-privatezza fl-Istati Uniti. Approċċ komprensiv għall-privatezza u l-protezzjoni tad-*data* jżid il-konverġenza bejn is-sistemi tal-UE u tal-Istati Uniti u jsaħħaħ il-pedamenti li fuqhom ġie żviluppat il-qafas tal-Ħarsien tal-Privatezza.